

# Fatti u statistika dwar l-Episkopat Malti, Kardinali Maltin u diċerija ta' Papa Malti

*tagħrif miġbur minn* ***Toni Calleja***

L-istorja tal-Episkopat Malti hija waħda millenarja. It-tradizzjoni żżomm li wara li kien salvat mill-għarqa, qabel ma ħalla 'l gżiritna, fis-sena 60 wK, l-Appostlu Missierna San Pawl ħalla lil Publju "il-Ħakem tal-gżira" (Atti (28,7) biex jieħu ħsieb il-merħla li ħaddnet il-bxara t-tajba tal-vanġelu mxandar minn Ġesù Nazzarenu.

Mill-ewwel isqof, sa ċirka l-wasla tal-Kavallieri fl-1530, il-lista tal-Isqfijiet responsabbli mill-Gżira ta' Malta hija interrotta; darba minnhom b'aktar minn erba' sekli sħaħ. Infatti l-ewwel Isqof ta' Malta li nafu bih wara San Pupulju huwa l-Isqof Ġiljan li fil-553 kien wieħed mill-firmatarji f'*Constitutum* tal-Papa Virġilju (537-555). Ismu jidher ma' dawk tal-Isqfijiet ta' Sqallija. Billi f'dik in-naħa ma kien hemm l-ebda post b'isem jixbah lil dan ta' Malta, lill-Isqof Ġiljan nistgħu nżommu bħala tali b'moħħ mistrieħ.

Lakuna konsiderevoli oħra fil-lista tal-Isqfijiet ta' Malta hija dik li teżisti bejn is-seklu seba' u ċirka nofs is-seklu disa'. Terġa, bejn is-seklu għaxra u ċirka nofs is-seklu tnax insibu interruzzjoni oħra imma f'dal-każ ir-raġuni x'aktarx li hi l-waqfa li kien hemm fil-linja tal-Isqfijiet minħabba li bejn is-snin 870-1090, gżiritna kienet taħt il-ħakma Għarbija. Osservanza notevoli oħra fl-istorja tal-Episkopat Malti sa ċirka l-1530, hija li ħafna mill-Isqfijiet maħtura baqgħu xorta waħda qatt ma resqu lejn gżiritna. Sa dak iż-żmien kien għadu leċitu li jsir hekk. L-obbligu tar-residenza tal-isqof fid-djoċesi tiegħu toħroġ ftit aktar 'il quddiem minn digriet tal-Konċilju ta' Trentu (1545-1563).

Mis-sena 60 sal-1807, perjodu ta' 1747 sena, mill-isqfijiet li nafu bihom, Maltin ma kienx hemm ħlief biss tlieta: *i)* San Pupulju, l-ewwel Isqof, li minkejja li jidher li kien Malti, xorta għad hemm min għandu dubju. Infatti fl-istess digriet tal-Isqof Tumas Gargallo tal-10 ta' April 1610 li bih iddikjara t-22 ta' Jannar, Jum il-Festa ta' San Pupulju u li din tkun ikkmandata għal Malta u Għawdex, l-istess qaddis huwa riferut bħala San Pupulju ta' Ateni.[1] L-istoriku Alexander Bonnici ofm. Conv, (1936-2006) għal San Pupulju jgħid li: "Jidher li kien Malti. Żgur li ma kienx hemm xi trasferiment minn Malta għal Ateni";[2] *ii)* Ġakbu Ta' Malta (1272-1299) u *iii)* Baldassare Cagliares (1615-1633). Kien hemm ukoll Giovanni-Carmine Pellerano (1770-1780) ***(ara ritratt)*** li kien bin missier Sqalli u omm Maltija.



L-aħħar wieħed mhux Malti kien l-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807); dak li nhar l-10 ta' Mejju 1789, ikkonsagralna l-Bażilika tal-Patroċinju tal-Għasri. Fi żmienu, nhar it-3 ta' Marzu 1797, mad-djoċesi ta' Malta ġie magħqud l-Arċiveskovat titulari ta' Rodi. Labini kien isqof uniku, fis-sens li serva taħt tliet Saltniet: l-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann, il-Franċiżi, u l-Inglizi. Kien fi żmienu wkoll li spiċċat l-Inkwiżizzjoni – soppressa mill-ħakkiema Franċiżi nhar it-13 ta' Lulju 1798.



Kollezzjoni privata Fr Raymond Vella – Victoria

J. Briffa (1930), Skizz: *L'Ordinazione di S. Publio per l'Ghasri – Gozo.*[3]

## Ħatriet ta' Isqfijiet ta' ċittadinanza Maltija

Minn żmien għal żmien, il-papiet għoġobhom jaħtru isqfijiet Maltin biex iservu 'l Knisja mxerrda madwar id-dinja. M'hemmx kontinent, l-Awstralja inkluża, fejn f'xi żmien jew ieħor ma serviex xi isqof Malti jew Għawdxi.

Għall-poplu Malti, poplu kburi bih innifsu minħabba l-kisbiet li għamel tul iż-żmien u li għadu jagħmel, minkejja ċ-ċokon u l-limitazzjonijiet kollha tiegħu, il-ħatra ta' xi isqof minn fostu kienet dejjem okkażjoni ta' orgolju u ta' ferħ. Minkejja li dawn l-okkażjonijiet huma pjuttost rari, ġew snin fejn kien hemm aktar minn ħatra waħda f'sena.

Fl-1911, f'dan ir-rigward nistgħu ngħidu li twaqqaf primat nazzjonali għax kien hemm il-ħatra ta' żewġ isqfijiet: *i)* Mons. Angelo Portelli O.P. (1852-1927), isqof titulari ta' Selinonte u awżiljarju ta' Malta;[4] u *ii)* Mons. Dominic Darmanin, qassis djoċesan li kien missjunarju f'Corfù.

Dan ir-*record* kien pareġġjat f'żewġ okkażjonijiet oħra: fl-1998 bil-ħatriet ta' Mons. Vincent Costa (1947-....) bħala Isqof ta' Acque Flavie u isqof awżiljarju ta' Londrina, f'Parana, l-Brażil;[5] u b'dik ta' Mons. Joseph A. Grech (1948-2010) bħala isqof awżiljarju ta' Melbourne.[6] Fl-2006, imbagħad, insibu l-ħatra taż-żewġ patrijiet Dumnikani, Mons Ġorġ Frendo (1946-....) bħala isqof awżiljarju ta' Durrës, Tirana – Albanija; u dik ta' Mons. Pawlu Cremona (1946-....) bħala Arċisqof ta' Malta.

Il-primat tal-1911, ta żewġ isqfijiet f'sena waħda, inkiser fl-1967 bil-ħatriet ta' żewġ isqfijiet oħra ġodda u ta' ieħor li minn Prelat *Nullius* kien elevat għal status ta' isqof titulari. Fi Frar 1967 kellna l-ħatriet ta' Mons. Emmanuele Gerada (1920-2011) bħala isqof awżiljarju ta' Malta u isqof titulari ta' Nomentum;[7] u b'dik ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi (1929-2010) bħala isqof awżiljarju ta' Għawdex u isqof titulari ta' Vico d'Augusta.[8] Fl-1967, fit-30 ta' April, kellna l-konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. Redent Gauci (1920-1978) li kien ilu jservi bħala l-ewwel Prelat tat-territiorju *Nullius*[9] ta' Chuquibamba, fil-Peru sa mill-5 ta' Ġunju 1962.[10]

Il-primat tal-1967, ta' tliet isqfijiet f'sena waħda, kien pareġġjat, u pareġġjat bil-fjokki fl-2012 fejn wara kważi mitejn sena Malta reġgħet esperjenzat il-ħatra ta' kardinal minn fost uliedha: *i)* fit-18 ta' Jannar 2012, kellna l-ħatra tal-Agostinjan Mons. Prospero (Stanley) Grech (1925-....) bħala Arċisqof titulari ta' San Leone fil-Calabria,[11] waqt li fit-8 ta' Frar tal-istess sena kien appuntat prinċep tal-Knisja bit-titlu ta' Kardinal Dekan ta' Santa Marija Goretti; *ii)* fl-Imnarja, nhar id-29 ta' Ġunju 2012 kellna l-ħatra ta' Mons. Joseph Alessandro (1944-....) bħala isqof koadjutur ta' Garissa – Kenja;[12] u *iii)* fis-6 ta' Ottubru kellna l-ħatra ta' Mons. Charles J. Scicluna (1959-....) bħala isqof titulari ta' San Leone fil-Calabria u isqof awżiljarju ta' Malta.[13]

Barra dawn it-tliet ħatriet, fit-2 ta' Frar 2012 kellna wkoll is-suċċessjoni tal-E.T. Mons. Ġużeppi Bonello (1961-....) minn koadjutur għal Isqof ta' Juticalpa, Olancho, fil-Honduras.


Monsignor Emmanuel Gerada
Titular Bishop of Nomentum
Coadjutor Bishop of Malta
thanks for kind sympathy
22, St. Angelo Street
Zejtun.
Tel. 25605

*Appreciation Card* nekroloġika mibgħuta mill-Isqof Emm. Gerada għas-simpatija murija miegħu għall-mewt t'ommu Katerina (83 sena) li ġrat iż-Żejtun nhar is-17 ta' Frar 1973.

Kollezzjoni il-Korpus

**Kardinali Maltin**

Barra l-Eminenza Tiegħu, Mons. Prospero (Stanley) Grech li għadna kemm semmejna kien hemm ukoll il-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata. Kien, bin il-Baruni Pasquale u l-Barunissa Lucrezia Dorell;[14] twieled il-Belt Valletta fl-1 ta' April 1757 u tgħammed jumejn wara, fit-3 ta' April, fil-Parroċċa ta' San Pawl. Fit-12 ta' Settembru 1768, meta kien għadu ta' ħdax-il sena, kien mgħolli għall-grad klerikali u fl-1776 inħatar kanonku lajk tal-Katidral tal-Imdina. Fis-26 ta' Novembru 1785 ħa d-dottorat fil-Liġi Ekkleżjastika u Ċivili mill-Università *La Sapienza,* Ruma, u kien ordnat qassis. Għamel karriera bħala amministratur fl-Istati Pontifiċji u fil-21 ta' Diċembru 1802 laħaq il-milja tas-saċerdozju billi kien ordnat isqof mill-Kardinal Giuseppe Doria. Fl-20 ta' Settembru 1803 inħatar Nunzju Appostoliku għall-Iżvizzera bit-titlu ta' Arċisqof ta' Berito *in partibus* bis-sede tkun fil-belt ta' Lucerne.

Fit-8 ta' Marzu 1816, il-Papa Piju VII ħatru kardinal presbiteru *in pectore*, bit-titlu ta' Santa Prudenzjana, u Segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Isqfijiet u r-Regolari. L-istess Papa ddikjarah pubblikament bħala kardinal fis-6 ta' April 1818, u fl-istess jum ħatru arċisqof ta' Senigallia, fir-reġjun tal-Marche, l-Italja. Għamel l-investitura fid-9 ta' April 1818 waqt li l-ingress sar fl-24 ta' Ġunju tal-istess sena.

Bit-tħabrik u l-għajnuna finanzjarja tiegħu, il-Kardinal Sceberras Testaferrata bena għadd ta' skejjel, kunventi, sptar, u orfanatrofji.



Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata



Kardinal Prospero (Stanley) Grech

Fiż-żmien li kien kardinal, ħa sehem fi tliet konklavi, jiġifieri dawk li tellgħu bħala papa lil Ljun XII (02-28 Set 1823), Piju VIII (elett: 31 Mar 1829), u Girgor XVI (14 Diċ 1830-02 Fra 1831). Sfortunatament dawn it-tliet konklavi kienu karatterizzati min-nuqqas ta' għaqda bejn il-kardinali nnifishom li kienu maqsuma f'minn tal-anqas żewġ blokki: *iż-żelanti* u l-*moderati*. Apparti hekk kien hemm indħil politiku sfaċċat minn ċerti potenzi fl-Ewropa, u mit-taħwid kbir li kien jaħkem il-kontinent tagħna, kaġunat fost l-oħrajn mir-rivoluzzjoni Franċiża u l-mixja imperjali ta' Napuljun Bonaparti, wieħed mill-aqwa ġenji militari li qatt rat id-dinja.[15]

Il-Kardinal Sceberras miet nhar it-3 ta' Awwissu 1843 u jinsab midfun fil-Kappella [tal-Madonna] tat-Tama fid-Duomo ta' Senigallia. Fil-fatt din il-kappella kienet inbniet minn flus il-Kardinal innifsu. B'xorti ħażina, il-qabar tiegħu ġie mfarrak matul it-Tieni Gwerra Dinjija, meta f'attakk qalil mill-ajru kienet intlaqtet il-Kappella tat-Tama. Fil-belt ta' Senigallia tinsab triq imsemmija għalih, biex il-poplu jibqa' jiftakar fil-ġid spiritwali u fl-għajnuna umanitarja li ħadem u stinka għalihom dan il-Malti ta' ħila u żelu kbir.[16]

F'Mejju 1889, il-Kapitlu Katidrali waqqaflu monument majestuż, xogħol il-marmista Palermitan Giuseppe Valenti, fil-Katidral tal-Imdina.[17]

L-Avukat Herbert Ganado (1906-1979), dixxendent tal-familja Sceberras Testaferrata, dwar il-Kardinal Fabrizio, jikkummenta hekk:

"Fil-familja Sceberras, barra l-patrijotti, il-politiċi, l-anti-klerikali, il-Maroni, u l-Protestanti, il-partiġjani tal-Franċiżi, tat-Taljani u tal-Ingliżi, kien hemm ukoll kardinal, l-uniku kardinal Malti.

Il-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata, ħu Camillo Sceberras, twieled fil-Birgu *(sic)* f'dar li tħallas iċ-ċens għandi bħala amministratur. Hemm it-triq imsemmija għalih. Sar kanoniku tal-katidral meta kien għadu tfal. Kien bniedem ta' kapaċità kbira u sa kien laħaq Segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Isqfijiet f'Ruma. Il-Papa, li dari kien il-Kap tal-Gvern ta' Ruma u ta' ħafna artijiet Taljani, għamlu gvernatur ta' erba' bliet. Imbagħad sar isqof ta' Senigallia. Hemmhekk fetaħ orfanatrofju. Piju VII fl-1818 għamlu kardinal. Qabel ma sar kardinal kien Legat tal-Papa fl-Isvizzera, u billi l-Franċiżi kienu kkonfiskaw il-ġid kollu tal-Knisja, sab ruħu bla sold u kellu jaqa' fuq il-katidral ta' Malta li tah prebenda biex igħix. Baqa' grat u, meta sar kardinal, irregala lill-katidral sett tad-deheb tal-artal mill-isbaħ li llum jidher fil-Mużew tal-Imdina.

L-Arċidjaknu Monsinjur Apap Bologna, li fi żmienu kien midħla ta' Ruma, darba qalli illi l-Kardinal Sceberras kien papabli u għal ftit ma sarx Papa. Kien ikollna Papa Malti".[18]

## Diċerija ta' Papa Malti

***Kien ikollna Papa Malti***, jgħidilna Herbert Ganado fil-klassika bijografija tiegħu: *Rajt Malta Tinbidel.* Ġuże Dimech De Bono (1906-1970) f'artiklu dwar il-Kardinal Sceberras jgħidilna li wieħed mill-Papiet ma ngħaddx b'Malti mhux għax hu ma twelidx f'Malta imma għax dik il-ħabta Malta nnifisha kienet tingħadd ma' Sqallija bħala sehem mis-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet u oħrajn.[19] Fl-istess artiklu, De Bono jżid jgħidilna li kieku kien għadu ħaj il-Mons. De Piro (nifhem li Mons. Giuseppe De Piro (1877-1933); il-fundatur tas-Soċjetà Minsjunarja ta' San Pawl) kien jista' jfehemna aħjar xi ntqallu f'Ruma dwar hekk min-nies awtorevoli.

Ftit wara li kienet żvelata din l-informazzjoni, xi ħadd kiteb f'ġurnal lokali biex speċi din il-biċċa ma tmutx fuq ommha, anzi tkun il-bidu ta' tfittix bir-reqqa minn kittieba/storiċi oħra. Il-korrispondent ġustament irraġuna li: "Huwa dmir tagħna li f'dak li jinteressana bħala nazzjon inħabirku għalih aħna u mhux inħallu f'idejn ħaddieħor għax inkella nibqgħu minsijin xi ftit aktar milli ninsabu".[20]

## Riferenzi u Noti


1: J. Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, Kullana Kulturali 42, Malta 2002, p. 26.

2: A. Bonnici u M.J. Schiavone, *Minn Publju sa Pawlu – L-Isqfijiet ta' Malta, ta' Għawdex, u Isqfijiet oħra Maltin*, Malta 2007, p. 1.

3: Skeċċ tar-artist rinomat Joseph Briffa (1901-1987) b'kitba manuskritta li tgħid: ***L'Ordinazione di S. Publio per l'Għasri – Gozo, 1930***; kitba kurjuża ħafna għax ma joħroġ minn imkien li fl-1930, fl-Għasri kien hemm xi ħsieb jew xi proġett ta' pittura għall-Knisja Parrokkjali. Skeċċ ieħor tal-istess still u bl-istess suġġett, il-kitba manuskritta ta' taħtu flok *"per l'Għasri"* tgħid *"per la chiesa di S. Paolo detto il Munxar"*; xi ħaġa li aktar tagħmel sens. Għal daqstant hu maħsub l-iskizz indikat *"per l'Għasri"*, hu żball ġenwin tal-awtur!

4: "Din l-aħbar (il-ħatra ta' P. Majjistru A. Portelli O.P.) nisslet ferħ kbir ukoll f'Għawdex fejn il-P. Portelli jinsab wisq magħruf u maħbub minn kulħadd" (*Id-Devot ta' Marija*, April 1911, p. 63).

5: f'Ottubru 2002 kien maħtur Isqof ta' Umurama – Brażil, waqt li fit-30 ta' Diċembru 2009 kien appuntat Isqof ta' Jundiaì, Sao Paulo – Brażil.

6: f'April 2001 ħa pussess bħala isqof titulari ta' Sandhurst, Victoria – Awstralja.

7: fis-6 ta' April 1968 kien nominat isqof koadjutur. Id-differenza bejn isqof awżiljarju u isqof koadjutur tinsab fil-fatt li waqt li tal-ewwel m'għandux id-dritt tas-suċċessjoni, tat-tieni għandu. Il-ħatra ta' Mons. Gerada bħala koadjutur ta' Mons. Mikiel Gonzi baqgħet ma mmaterjalizzatx, tant li fl-1973 raġa' lura għall-karriera diplomatika fis-servizz tas-Santa Sede; din id-darba bħala Nunzju Appostoliku f'El Salvador u l-Gwatemala, u perkonsegwenza nħatar Arċisqof. Fl-1980 beda jservi bħala Nunzju fil-Pakistan, u fl-1989, fl-Irlanda. Fl-1995 irtira f'art twelidu, Malta.

8: fit-22 Mar 1967 kien nominat Amm. App. għal Għawdex waqt li fl-20 Lul 1972 kien elett bħala s-seba' Isqof ta' Għawdex. Għamel l-ingress solenni fil-Katidral nhar l-10 Set 1972. Fis-26 Nov 2005, il-Papa Benedittu XVI laqa' r-riżenja tiegħu u beda jkun magħruf bit-titlu ta' Isqof Emeritu.

9: fil-lingwaġġ tal-Knisja Kattolika, Prelat ***nullius*** huwa wieħed li l-ġurisdizzjoni ġeografika tiegħu, imsejħa prelatura territorjali, ma jkun jappartieni għall-ebda djoċesi u huwa kkunsidrat bħala knisja partikulari. It-territorju tiegħu jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni diretta tal-Papa, u mhux djoċesi bl-isqof tagħha. Is-setgħat ta' prelati *nullius* huma kważi l-istess bħal tal-isqfijiet sakemm dan ma jkunx espressament miċħud lilhom mil-liġi kanonika. Jekk ma jkunx ikkonsagrat isqof, huwa ma jkollux il-fakultà li jeżerċita dawk il-funzjonijiet li fihom jintużaw iż-żjut imqaddsa..

10: *Il-Berqa*, 02 Nov 1962, p. 5.

11: ikkonsagrat fil-Konkatidral ta' San Ġwann nhar it-8 ta' Frar 2012, mill-Arċisqof Pawlu Cremona, assistit mill-Arċisqof Giuseppe Versaldi, Kardinal elett, u Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fil-21 Apr 2012 irċieva l-Kappell Kardinalizju f'San Pietru minn idejn il-Q.T. Benedettu XVI.

12: Joe Alessandro bin Alfred u Carmela xebba Fiorentino twieled fit-30 Nov 1944 u beda n-Novizzjat mal-Kapuċċini Maltin fl-1961. Kien ordnat saċerdot fl-1970 waqt li fid-29 ta' Settembru 2012 kien ikkonsagrat Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

13: ikkonsagrat Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt – Valletta, fl-24 ta' Novembru 2012.

14: Lucrezia Dorell kienet oħt Eliżabbetta Dorell Moscati (1741-1829) aktar magħrufa bħala s-Sinjura Bettina, mara nobbli li fiż-żmien kienet qaddejja *(lady-in-waiting)* mar-Reġina taż-Żewġ Sqallijiet. Is-Sinjura Bettina kienet proprjetarja ta' raba' fl-Għasri (ara NAG, GM, 03/80, p. 6). Il-Kardinal Fabrizju Sceberras Testaferrata wkoll kien jippossiedi raba' f'Għawdex (ara NAG, CG, 10/12 (1841, Vol. 2°), *ff.* 66ʳ u 72ʳ-73ʳ; u 10/13 (1841, Vol. 3°), *f.* 146ʳ).

15: *i)* J. Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, op. cit, p. 211; *ii)* A. Bonnici u MJ Schiavone, *Minn Publju sa Pawlu*, op. cit, p. 56; *iii)* C. Rendina, *I Papi – Storia e Segreti*, II, 753-759.

16: L. Vassallo, *Biex infakkru u niftakru ... Meta l-Malti daħħal siequ f'żarbun ta' Kardinal*, f'*Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, Annwal 2003*, pp. 41-42.

17: J. Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, op. cit, p. 211.

18: H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, Malta 1977, Vol. I, p. 119.

19: Ġ. Dimech De Bono, *Il-Kardinal Sceberras – Prinċep Malti tal-Knisja Mqaddsa*, fil-*Pronostiku Malti 1950*, p. 77.

20: G. Cilia, *PAPA MALTI?*, f'*Leħen is-Sewwa*, 08 Fra 1950, p. 7.